# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 11**

**Rikors numru 365/16JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.** (C -3177)

v.

**Standard Chartered Bank Limited (ZC – 00018)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Jannar, 2019, (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li l-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") kienet waqgħet kontumaċi u naqset milli tressaq f'waqtha t-Tweġiba Maħlufa għall-att promotur imressaq mill-

kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") bla ebda raġuni tajba u b'mod kolpuż;

2. Is-sentenza appellata tgħid hekk:

"***I. Preliminari***

"*Din hija **deċiżjoni** dwar rikors li ppreżenta l-bank konvenut fil-15 ta' Novembru 2018 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi:*

*"i. Minkejja r-referta esebita fl-atti ma jirriżultax illi r-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smiegħ ta' din il-kawża ġew notifikati lis-soċjetà esponenti.*
*"ii. .. .. għalhekk is-soċjetà esponenti m'hiex kontumaċi f'din il-kawża.*
*"iii. Tipprefiġġi terminu ta' għoxrin jum għar-risposta ġuramentata tas-soċjetà esponenti.*

*"Fir-risposta li l-bank attur ippresenta fil-21 ta' Novembru 2018 ingħataw ir-raġunijiet għala t-talbiet tal-bank konvenut kienu qegħdin jiġu opposti.*

*"Ir-rikors tħalla għal deċiżjoni għal-lum.*

*"Rat l-atti.*

*"**II. Il-provvediment tal-lum***

*"Dan tal-lum mhuwiex digriet interlokutorju iżda sentenza (ara s-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April 2015 fil-kawża '**Samchrome FZE vs Danko Koncar et**')*

*"**III. Dritt***

*"Skont l-**Art. 158(1) tal-Kap12**, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

*"Skond l-**Art. 158(10) tal-Kap 12**, jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza,*

*tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollużmien qasir biex jirrispondi.*

*"**Ġurisprudenza***

*"Il-ġurisprudenza tagħna hija konkordi dwar il-prinċipji li jirregolaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Dwar dawn il-prinċipji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/LSO**) fis-17 ta' Marzu 2015 fil-kawża '**Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et**' fejn ingħad hekk: -*

> *"Id-deċiżjoni gwida f'materja ta' kontumaċjahija dik fl-ismijiet 'Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo' deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol: XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumaċja : -*
> *'(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
> *'(2) Lanqas tista' tiġiġustifikata jekk kioenet almenu kolpuża;*
> *'(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvatakawża ġusta;*
> *'(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
> *'(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;*
> *'(6) L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;*
> *'(7) Dan l-impediment leġittimu jsta' jkun, kif intqal, 'una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili';*
> *'(8) L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*
>
> *"Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) : -*
> *'F'materjata' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'.'*
>
> *"Fil-kawża fl-ismijiet '**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.**' deċiża fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet iżda li : -*
> *'L-istitut tal-kontumaċja minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti*

*tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq tal-provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew 'kawża ġusta' jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' l-kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek huwa tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.' (Ara wkoll 'Vella pro et nomine vs Vella', Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll.Vol. LXXVII-ii-170); 'Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi', deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, 'Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul' deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999)"*

*"__V. Risultanzi__*

*"Rat ir-raġunijiet li ġab il-bank konvenut sabiex jiġġustifika l-kontumaċja.*

***"Wara liqieset b'reqqa dawn ir-raġunijiet, tgħid li m'għandux ikun illi organiżżazzjoni kbira, bħal ma huwa l-bank konvenut, kif jixhdu l-motivazzjonijiet indikati fir-rikors promotur, tkun __manifestament karenti__ fil-mod u manjiera kif tittratta n-notifika ta' atti __ġudizzjarji__ tenut kont tal-fatt illi l-bank konvenut għandu interessi f'diversi ġurisdizzjonijiet.***

***"Propju għaliex il-bank konvenut għandu standingtajba kull fejn jestendi l-operazzjonijiet tiegħu – __indipendentement__ mill-kwistjoni li għandu mal-bank attur fil-kawża tal-lum – tgħid li r-raġunijiet li tressqu mill-bank konvenut huma nsodisfaċjenti wara li qieset l-istat tad-dritt tagħna u tal-ġurisprudenza tal-qrati tagħna.***

***"Jekk qorti ma tkunxstretta fl-osservanza ta' dak li jgħid id-dritt, allura l-konsegwenza tkun li: 'jgħaddi kollox'.***

***"Għal din il-Qorti, mhux hekk għandu jsir fi Stat fejn the rule of law tfisser ħafna.***

***"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-raġunijiet li nġabu mill-bank konvenut fir-rikors, hekk kif imfissra minn Jean Madeleine Goddard, ma jikkwalifikawx bħala ġustifikattivi.***

> *"__Deċiżjoni__*
>
> ***"Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda __tiċħad__ it-talbiet tal-bank konvenut, kif dedotti fir-rikors tal-15 ta' Novembru 2018. Għalhekk qegħda tikkonferma li l-bank konvenut huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. L-ispejjeż ta' dinid-deċiżjoni huma a kariku tal-bank konvenut***";

3. Fis-17 ta' Jannar, 2019, l-appellanti ressqet rikors li fih talbet li l-ewwel Qorti tagħtiha l-permess li tappella mid-deċiżjoni għall-finijiet tal-artikolu 231(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. B'degriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2019[1], l-ewwel Qorti tat il-permess mitlub;

5. B'Rikors tal-Appell imressaq fil-11 ta' Marzu 2019, l-appellanti talbet li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni appellata fejn ċaħdet it-talbiet tal-bank kif dedotti fir-rikors tal-15 ta' Novembru 2018 u kkonfermat li l-bank konvenut huwa kontumaċi, u tgħaddi biex minflok tiddikjara illi s-soċjetà appellanti ma ġietx notifikata bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża u kwindi ma kinitx kontumaċi u għalhekk tawtorizżaha tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha fi żmien għoxrin jum, salv kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata;

---

[1] Paġġ. 69 – 70 tal-proċess

6. B'Risposta mressqa fit-28 ta' Marzu, 2019, il-kumpannija appellata qalet li kienet taqbel mat-talba tal-appellanti li titħalla tressaq it-Tweġiba maħlufa u titħalla tikkontesta l-kawża;

7. Meta ssejjaħ l-appell waqt is-smigħ tal-21 ta' Mejju, 2019, il-partijiet għażlu li ma jittrattawx u talbu li l-appell jitħalla għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi biex tindirizza aħjar l-appell li tressaq quddiemha, din il-Qorti jidhrilha li jeħtieġ issemmi xi ċirkostanzi fattwali marbuta mal-każ. Jibda biex jingħad li l-appellanti hija kumpannija bis-sedi tagħha f'indirizz barra minn Malta. Il-kawża tallum mhijiex il-proċedura waħdiena li hemm quddiem il-Qrati f'Malta bejn l-appellat u l-appellanti. Kemm hu hekk, fl-4 ta' Ġunju, 2013, l-appellat fetaħ kawża kontra l-appellanti[2] biex il-Qorti ssib li huwa kreditur tal-istess bank appellanti. Meta nfetħet din il-kawża, issemmiet il-kawża l-oħra u ż-żewġ kawżi mxew flimkien għal xi żmien. Din il-kawża nfetħet f'Mejju tal-2016. Minħabba li l-appellanti għandha s-sedi ewlenija tagħha fir-Renju Unit, in-notifika tal-atti tal-

[2] Rik. Nru. 533/13JZM imħolli għas-sentenza għall-31.10.2019

kawża ntalbu u saru skond ma jitlob ir-Regolament Komunitarju 1393/07KE. B'Nota mressqa mir-Reġistatur tal-Qrati u Tribunali Ċivili fit-8 ta' Awwissu, 2016[3], li magħha kien hemm mehmuż Ċertifikat ta' Notifika għall-finijiet tal-imsemmi Regolament, ingħad li l-kumpannija appellanti laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża fl-24 ta' Ġunju, 2016. Il-mod kif u l-post fejn l-appellat talab li ssir in-notifika kien l-istess bħalma talab u kiseb meta fetaħ il-kawża kontra l-appellanti fl-2013. F'dak il-każ, l-appellanti kien ressaq kontestazzjoni għal dik l-azzjoni fiż-żmien mogħti mil-liġi;

11. Illi l-kumpannija appellanti ma ressqitx Tweġiba Maħlufa għall-azzjoni mibdija f'din il-kawża u l-ewwel darba li deher għaliha avukat quddiem l-ewwel Qorti kien waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2017[4]. Waqt is-smigħ tad-19 ta' Ottubru, 2017[5], l-avukat tal-appellanti reġa' deher u ma sar l-ebda aċċenn għall-kontestazzjoni. Hekk baqa' jsir fid-differimenti li ġraw wara sakemm waqt is-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2018[6], l-avukat tal-appellanti talbet li titħalla tiġġustifika l-kontumaċja u ressqet xhud biex tixhed dwar dan l-episodju. Fil-15 ta' Novembru, 2011[7], l-appellanti ressqet ir-rikors li dwaru ngħatat id-deċiżjoni appellata;

[3] Paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 25 tal-proċess
[5] Paġ. 28 tal-proċess
[6] Paġ. 34 tal-proċess
[7] Paġ. 57 tal-proċess

12. Illi kemm mill-imsemmi rikors u kif ukoll mir-Rikors tal-Appell joħroġ ċar li fis-sewwa l-appellanti qiegħda tisħaq li, minkejja dak li jidher mill-atti, ma kienx minnu li hija laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża u għalhekk ma hijiex kontumaċi;

13. Illi l-Qorti tgħid minnufih li jekk kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa' kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf. Għalhekk, huwa biss f'każ li jirriżulta li hemm notifika valida li wieħed jgħaddi biex jgħarbel jekk il-kontumaċja li sseħħ tkunx waħda ġustifikabbli jew inkella waħda ta' ħtija. Min-naħa l-oħra, notifika li tkun saret sewwa ma tfissirx li l-imħarrek ma jibqagħlux mod kif jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu[8];

14. Illi għalhekk, meta l-appellanti talbet lill-ewwel Qorti titħalla tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, kienet impliċtament qegħda tistqarr li kienet laqgħet in-notifika tal-istess atti tal-kawża. L-ewwel Qorti, fid-deċiżjoni appellata wkoll jidher li telqet minn din il-premessa, minkejja li r-rikors li dwaru tat il-provvediment kien, fl-ewwel talba tiegħu, iqajjem il-

---

[8] App. Ċiv. **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata)

kwestjoni tas-siwi tan-notifika. Fid-dawl ta' dan li għadu kemm ingħad, l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel mod ieħor ħlief li tqis jekk il-kontumaċja tal-appellanti kinitx waħda ġustifikabbli jew le;

15. Illi l-atti tal-kawża juru li kien hemm notifika għaliex skond ir-Regolament relattiv, iċ-ċertifikat li jintbagħat lill-awtorità kompetenti (l-aġenzija li tibgħat) jikkostitwixxi prova ta' dak li jindika[9]. Fil-każ partikolari, din il-Qorti tqis li f'materja teknika bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta' notifika, ikollha ssegwi fedelment dak li tgħid il-liġi tal-proċedura. Minbarra dan, fejn xi parti tqajjem il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika, dan ma għandhiex tagħmlu billi tipprova tiġġustifika l-kontumaċja, imma bit-tressiq ta' proċediment speċifiku biex jattakka s-siwi tan-notifika li tkun tirriżulta mill-atti tal-kawża;

16. Illi għalkemm l-appellata tgħid li taqbel li din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti, din il-Qorti ma tistax twarrab dak li għadu kemm ingħad u lanqas taqbad u ġġib fix-xejn ir-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti dwar x'wassal lill-appellanti tonqos li tikkontesta l-kawża f'waqtha. Jibqa' l-fatt, madankollu, li x-xhieda kollha mressqa mill-appellanti dwar x'seta' ġara bl-atti li twasslu fis-sedi ta' Basinghall Avenue f'Londra ma jxejjinx is-siwi tan-notifika uffiċjali li saret hemm. Il-biċċa l-kbira tax-xhieda mogħtija minn Stephanie Goddard[10] tipprova tfisser x'sistema

---

[9] Artt. 10 u 19 tar-Reg 1393/2007KE

[10] Ara f'paġġ. 37 sa 44 tal-proċess

jitħaddem mill-appellanti meta jsiru notifiki ta' atti, fosthom atti ġudizzjarji. L-istess sforz isir fir-Rikors tal-Appell. Imma dawn jerġgħu jisħqu fuq in-nuqqas ta' notifika u mhux fuq il-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja mnissla minn notifika li tidher li saret kif imiss. Minbarra dan, hemm ħtija meta persuna tonqos li tagħmel arranġamenti xierqa dwar in-notifika lilha ta' atti mill-qorti u jew li tagħmel arranġamenti u mbagħad tonqos li tħarishom[11];

17. Illi għalhekk, l-aggravju tal-kumpannija appellanti mid-deċiżjoni appellata ma jistax jintlaqa' ladarba r-raġuni waħdanija li fuqu jinbena hija ċirkostanza fattwali – s-siwi ta' notifika – li tmieri l-istess aggravju u jikkostitwixxi prova kontra dik l-allegazzjoni;

18. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa', bla ħsara għal kull rimedju ieħor fil-liġi mogħti lill-appellanti biex tattakka s-siwi tan-notifika li tirriżulta li saritilha bl-atti ta' din il-kawża;

## Decide

19. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

[11] App. Kumm. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Delceppo vs Bondin et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28)**

**Tiċħad l-appell** imressaq mis-soċjetà appellanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Jannar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi bl-**ispejjeż** ta' din l-istanza wkoll kontra l-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr